**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Nru : 534/2023 JPG**
**Kawza Nru : 20**

**KA**
**U**
**RA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 10 ta' Ottubru 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u l-istess żwieġ kien reġistrat reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 116/2014 liema kopja qiegħda tiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A';*

2. *Illi l-partijiet iddikjaraw li ilhom separati minn xulxin sa minn Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u dan kif jirrizulta mil-kuntratt ta` separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius liema kopja qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B';*

3. *Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

4. *Illi r-rikorrenti dejjem onoraw l-obbligi tagħhom naxxenti mil-kuntratt ta` separazzjoni;*

5. *Illi di piu ebda manteniment ma hu dovut, mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni fil-konfront ta` ebda waħda mil-partijiet rikorrenti;*

6. *Illi dan kollu hu konfermat mir-rikorrenti fl-affidavit tagħhom liema affidavits qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħal Dok. 'Ċ' u Dok. 'D';*

7. *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66A et seq. tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-fatti kollha surreferiti jafu bihom il-partijiet personalment.*

*Għaldaqstant entrambi r-rikorrenti jitolbu bir-rispett u reverentament lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

i. *Tippronunzja d-divorzju, ossija l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-ħall taż-żwieġ.*

*Bl-ispejjeż ikunu kollha diviżi ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KA xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Marzu 2014 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Matthew Agius datat nhar il-11 ta' Mejju 2020. Xehedet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**RA xehed** (vide affidavit fol 10) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-***

***anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Marzu 2014, liema zwieg jgib certifikat numru 380/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Matthew Agius nhar l-11 ta' Mejju 2020 (Vide fol 4 et seqq.).

Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 380/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**